**Dispożittiv**

1) *Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.*

2) *Lidl Stiftung & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 205, 22.6.2015.

---

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta’ Novembru 2015 – Certuss Dampfautomaten vs UASI – Universal for Engineering Industries (Universal 1800 TC)

**(Kawża T-329/15)** (1)

***(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Irtirar tal-oppożizzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)***

(2016/C 038/82)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Certuss Dampfautomaten GmbH & Co. KG (Krefeld, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Sroka, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Botis, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI:* Universal for Engineering Industries SAE (Giza, l-Eġittu)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tad-9 ta’ April 2015 (Każ R 1303/2014-2), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Universal for Engineering Industries SAE u Certuss Dampfautomaten GmbH & Co. KG.

**Dispożittiv**

1) *Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.*

2) *Certuss Dampfautomaten GmbH & Co. KG hija kkundannata tbati l-ispejjeż tagħha stess, kif ukoll l-ispejjeż tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI).*

(1) ĠU C 279, 24.8.2015

---

## Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta’ Diċembru 2015 – GGP Italy vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-474/15 R)**

***(“Miżuri provviżorji — Direttiva 2006/42/KE — Protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà tal-konsumaturi u tal-ħaddiema fid-dawl tar-riskji li jirriżultaw mill-użu tal-magni — Miżuri adottati mill-awtoritajiet Latvjani li jipprojbixxu tip ta’ ħassad tal-ħaxix — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara l-miżura bħala ġustifikata — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Nuqqas ta’ urġenza”)***

(2016/C 038/83)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Global Garden Products Italy SpA (GGP Italy) (Castelfranco Veneto, l-Italja) (rappreżentanti: A. Villani, L. D’Amario u M. Caccialanza, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Braga da Cruz u L. Cappelletti, aġenti)

**Suġġett**

Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/902, tal-10 ta' Ġunju 2015, dwar miżura meħuda mil-Latvja skont id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' ħassad tal-ħaxix immanifatturat minn GGP Italy spa (ĠU L 147, p. 22).

**Dispożittiv**

1) *It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.*

2) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

---

**Rikors ippreżentat fis-6 ta' Ottubru 2015 – Flamagas vs UASI – MatMind (CLIPPER)**

**(Kawża T-580/15)**

(2016/C 038/84)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Flamagas, SA (Barcelona, Spanja) (rappreżentanti: I. Valdelomar Serrano, G. Hinarejos Mulliez u D. Gabarre Armengol, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* MatMind Srl (Formello, l-Italja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Proprjetarju tat-trade mark ikkontestata:* ir-rikorrenti

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark tridimensjonali (Forma ta' lajter li tinkludi l-element verbali "CLIPPER") – Trade mark Komunitarja Nru 4 758 652

*Proċedimenti quddiem l-UASI*: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-30/07/2015 fil-Każ R 942/2013-1

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkonferma d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tat-22/03/2013 fil-Proċedimenti Nru C 5642 kontra r-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 4 758 652;

— tikkundanna lill-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009;